KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

IL-ĦMISTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 00148

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 7 tas-6 ta' Lulju 2026 mill-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela.

______________________________
Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

**FAĊILITÀ TAĊ-CHILDCARE GĦAL TFAL TA' MEMBRI PARLAMENTARI – FONDI ALLOKATI**

**5. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI tistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jgħid x'fondi hemm allokati għall-faċilità taċ-Childcare għal tfal ta' Membri Parlamentari?

01.07.2026

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dan l-istadju ma hemmx fondi allokati b'mod speċifiku għas-servizz ta' childminding għal tfal ta' membri parlamentari. Inizjalment għandhom jintużaw fondi li huma parti mill-allokazzjoni finanzjarja eżistenti tas-Servizz Parlamentari, iżda hekk kif il-bżonn għal childminding ikun kwantifikat u s-servizz imfassal, l-ispiża relattiva ser tkun qiegħda tiġi inkluża fil-budget tas-Servizz Parlamentari.

06.07.2026

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dan l-istadju għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet ħalli s-servizz ta' childminding jiġi provdut u wara li dawn jitlestew inkunu nafu aħjar x'riżorsi jkunu meħtieġa. Fil-preżent ma hemmx fondi allokati b'mod speċifiku għas-servizz ta' childminding. L-ispiża relattiva ser tkun qiegħda tiġi mill-budget tas-Servizz Parlamentari.

06.07.2026